Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,818, 20 ta' Frar, 1981

Taqsima B

A.L. 17 ta' l-1981

ATT TA' L-1974 DWAR IL-'GUEST HOUSES' U POSTIJIET 'FURNISHED' GĦALL-BTALA (ATT NRU. XIV TA' L-1974)

Regolamenti ta' l-1981 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-'Guest Houses' u Postijiet 'Furnished' għall-Btala

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1974 dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala, il-Ministru tat-Turiżmu, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1981 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1976 dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 134 ta' l-1976

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "Il-Bord jista' f'kull żmien" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Bord jista' f'kull żmien, bl-approvazzjoni tal-Ministru,".

Sostituzzjoni tat-Tmien Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok it-Tmien Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tidħol din li ġejja:

"IT-TMIEN SKEDA

(Regolament 6)

Ċertifikati u Liċenżi

Drittijiet

TAQSIMA I

Klassi tal-*Guest House* jew Post għall-Btala	DRITT GĦAL			
	Applikazzjoni għal Liċenza	Ċertifikat ta' Klassifikazzjoni	Liċenza fis-Sena	Trasferiment ta' Liċenza
1. **Guest Houses**				
L-Ewwel Klassi	£5 kull *Guest House*	£10 kull *Guest House*	£55 kull *Guest House*	£20 kull *Guest House*
It-Tieni Klassi	£4 kull *Guest House*	£5 kull *Guest House*	£40 kull *Guest House*	£10 kull *Guest House*
2. **Postijiet għall-Btala**	£2 kull wieħed	£15 kull wieħed	Kategorija A1 — £180 kull wieħed A — £175 kull wieħed B1 — £165 kull wieħed B — £155 kull wieħed	£5 kull wieħed

TAQSIMA II

	Dritt fis-Sena għal Liċenza
1. Kull dar li fiha tiġi provduta akkomodazzjoni lil alloġġjant skond l-artikolu 11A (1) ta' l-Att —	
(a) jekk iż-żmien li għalih tkun ingħatat il-liċenza ma jkunx iżjed minn 3 xhur	£10 kull dar
(b) jekk iż-żmien li għalih tkun ingħatat il-liċenza jkun iżjed minn 3 xhur, jew meta dik il-liċenza tkun ġiet imġedda fl-istess sena	£20 kull dar
2. Kull dar mogħtija b'kiri jew b'enfitewsi lil persuna li ma tkunx ċittadin ta' Malta jew li tkun okkupata taħt xi titoli minn xi persuna bħal dik skond l-artikolu 11A (2) ta' l-Att	Ammont ekwivalenti għal kera ta' xahar".